



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 30.1.2020  
COM(2020) 29 final

2020/0015 (NLE)

Proposta għal

## **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**li tikkonċerna t-tiġdid tal-Ftehim għall-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indja**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### • Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Il-“Ftehim għall-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indja”<sup>1</sup> (minn hawn ’il quddiem imsejjaħ “il-Ftehim”), ġie ffirmat fit-23 ta’ Novembru 2001 f’New Delhi u daħal fis-seħħ fl-14 ta’ Ottubru 2002. L-Artikolu 11 (b) tal-Ftehim jipprevedi li “Dan il-Ftehim għandu jiġi konkluż għal perjodu ta’ ħames snin u jista’ jiġġedded bi ftehim reċiproku bejn il-Partijiet wara evalwazzjoni li ssir fl-aħħar sena tal-perjodu msemmi”. Sa issa, il-Ftehim iġġedded darbtejn; il-Kunsill approva t-tiġdid fl-2009<sup>2</sup> u fl-2015<sup>3</sup> kull darba għal perjodu ta’ ħames snin.

Il-Ftehim attwali se jiskadi fis-17 ta’ Mejju 2020.

L-evalwazzjoni li wettqet il-Kummissjoni turi biċ-ċar li l-Ftehim jipprovdi qafas importanti li jiffaċilita t-tmexxija tal-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Indja fl-oqsma komuni xjentifiċi u teknoloġiċi ta’ prijorità li jwasslu għal benefiċċji reċiproċi. F’dawn l-aħħar snin, fil-qafas tal-Programm Orizzont 2020<sup>4</sup>, wara li saret sejħa konġunta għal proġetti dwar l-ilma ntgħażlu seba’ proġetti mad-Dipartiment tax-Xjenza u t-Teknoloġija (DST) u mad-Dipartiment tal-Bijoteknoloġija (DBT) li flimkien ingħataw finanzjament totali ta’ EUR 30 miljun; wara sejħa konġunta għal proġetti dwar vaċċini tal-aħħar ġenerazzjoni mad-DBT intgħażlu tliet proġetti b’total ta’ EUR 30 miljun; tnedew żewġ inizjattivi ta’ innovazzjoni: netwerk ta’ inkubaturi u pjattaforma tal-innovazzjoni li minn fost il-parteċipanti tagħhom nibdu aktar minn 20 sħubija ta’ innovazzjoni. Barra minn hekk ġie ffirmat Arranġament ta’ Implimentazzjoni bejn il-Bord tar-Riċerka fix-Xjenza u fl-Inġinerija (SERB) u l-Kummissjoni Ewropea biex jiffaċilita l-mobbiltà tar-riċerkaturi Indjani lejn it-timijiet ta’ riċerkaturi li jirċievu għotjiet mingħand il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka. Fl-aħħar, id-DBT u l-Ministeru għax-Xjenza tad-Dinja (MoES) waqqfu żewġ mekkaniżmi kofinanzjaturi biex jiffinanzjaw il-parteċipanti Indjani li ntgħażlu wara aktar minn 50 sejħa għall-applikazzjonijiet fil-qafas tal-Orizzont 2020.

Huwa fl-interess tal-UE li iġġedded dan il-Ftehim biex tkompli tiegħu sehem fil-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika u l-faċilitazzjoni tagħha f’oqsma ta’ interess reċiproku u li jwasslu għal progressi teknoloġiċi li jibbenefikaw lill-komunità xjentifika Ewropea u jżidu l-aċċess għas-suq mill-Indja permezz tal-kooperazzjoni konġunta.

Il-Ftehim huwa essenzjali biex nifhmu x-xenarju xjentifiku u tal-innovazzjoni ta’ xulxin u biex flimkien nistabbilixxu l-oqsma ta’ prijorità ta’ interess reċiproku għall-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni. Huwa joffri qafas legali u amministrattiv fejn jistgħu jiġu diskussi l-modalitajiet tal-kooperazzjoni filwaqt li jiżgura l-allokkazzjoni tajba u ġusta tal-finanzjament għar-riċerka u l-innovazzjoni f’oqsma li jikkoinċidu mal-interessi u l-politiki tal-UE, u li jistgħu jiġu addattati u aġġustati għall-interessi u l-bżonnijiet tal-Indja.

<sup>1</sup> ĠU L 213, 09.08.2002, p. 30.

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/501/KE (ĠU L 171, 01.07.2009, p. 17).

<sup>3</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2015/1788/UE (ĠU L 260, 07.10.2015, p. 18).

<sup>4</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Joffri wkoll forum utli biex tiġi vvalutata l-kooperazzjoni tal-imgħoddi u biex jiġu ddeterminati l-azzjonijiet futuri, fost l-oħrajn f'suġġetti li jagħmlu l-kooperazzjoni effettiva, bħalma huma l-prinċipji tal-aċċess miftuħ u tal-innovazzjoni miftuħa.

Fil-laqgħa tal-Kumitat konġunt tat-Tmexxija tal-Indja u tal-UE, li ġie stabbilit bil-Ftehim li sar f'New Delhi fl-1 ta' Marzu tal-2019, iż-żewġ partijiet innutaw l-intenzjoni tagħhom li jġeddu l-Ftehim għal ħames snin oħra mingħajr emendi wara li saret evalwazzjoni skont l-Artikolu 11 tiegħu.

Is-sustanza tal-Ftehim imġedded se tkun identika għal dik tal-Ftehim attwali, kif diskuss u miftiehem mal-kontropartijiet Indjani. Mhux se joħloq drittijiet u obbligi ġodda għall-UE, iżda minflok se jestendi r-reġim ġuridiku diġà eżistenti bejn il-Partijiet fil-qasam tal-kooperazzjoni tax-Xjenza u t-Teknoloġija.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din l-inizjattiva tikkonforma kompletament mal-istrateġija ta' kooperazzjoni internazzjonali tal-UE fir-riċerka u l-innovazzjoni<sup>5</sup>. L-istrateġija tal-UE ssemmi biċ-ċar li l-ftehimiet fil-qasam tax-xjenza u t-teknoloġija huma strumenti importanti biex jiġu ddefiniti u implimentati pjanijiet direzzjonali pluriennali għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi li mhumiex membri tal-UE. Il-Ftehim iservi wkoll ta' mezz biex tiġi implimentata l-istrateġija tal-UE għall-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni, li titlob li r-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE jsiru iktar internazzjonali u jinfetħu iktar.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-Ftehim huwa strumentali biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Istrateġija tal-UE dwar l-Indja<sup>6</sup> biex flimkien jiġġieldu l-isfidi globali, biex isostni l-modernizzazzjoni sostenibbli tal-Indja, biex jinfetħu l-opportunitajiet għall-kummerċ u biex jiżiedu l-eċċellenza u l-kompetittività xjentifika<sup>7</sup>.

## 2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

Is-setgħa tal-UE li taġixxi fil-livell internazzjonali fil-qasam tar-riċerka u tal-iżvilupp teknoloġiku hija bbażata fuq l-Artikolu 186 tat-TFUE. Il-bażi ġuridika proċedurali ta' din il-proposta hija l-punt (a)(v) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(6) tat-TFUE.

- **Sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)**

L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom kompetenzi paralleli fil-qasam tar-riċerka u tal-iżvilupp teknoloġiku skont l-Artikolu 4(3) tat-TFUE. L-oġġettivi tal-kooperazzjoni internazzjonali xjentifika u teknoloġika jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-UE meta jitqiesu l-isfidi globali. Barra minn hekk, l-Unjoni hija fl-aħjar pożizzjoni biex tkun minn ta' quddiem tippromwovi l-prinċipji komuni fit-twettiq tal-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni internazzjonali biex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi li bihom ir-riċerkaturi u l-innovaturi mid-dinja

<sup>5</sup> *Intejbu u niffukaw il-kooperazzjoni internazzjonali tal-UE fir-riċerka u l-innovazzjoni: approċċ strateġiku*, COM(2012) 497.

<sup>6</sup> Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill JOIN(2018) 28 - "Elementi għal strateġija tal-UE dwar l-Indja".

<sup>7</sup> L-Istrateġija tal-UE dwar l-Indja – Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill 14634/18 (l-10 ta' Diċembru 2018, p.3).

kollha jħossu li jistgħu jaħdmu ma' xulxin. Għalhekk ikun aħjar jekk l-UE tiegħu l-azzjoni fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku. Fl-istess ħin, l-attivitajiet ta' kooperazzjoni internazzjonali tal-UE u tal-Istati Membri jridu jkunu konsistenti u jikkompementaw lil xulxin.

F'dan il-kuntest, il-Ftehim jippermetti li jkun hemm qafas biex jiġu identifikati l-oqsma fejn jista' jkun hemm kooperazzjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni ta' interess reċiproku u li jkunu skont l-aġenda u l-istrateġija tal-UE għall-kooperazzjoni internazzjonali. Sa issa, il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Indja nstabet utli u neċessarja u għaldaqstant qegħdin infittxu li tkompli permezz tat-tiġdid tal-Ftehim.

### **3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Din l-inizjattiva ma tiffurmax parti mill-aġenda tar-REFIT.

### **4. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAGĦIT**

Huma meħtieġa biss riżorsi umani u amministrattivi; dawn huma stabbiliti fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni titlob lill-Kunsill:

- japprova, f'isem l-Unjoni u bil-kunsens tal-Parlament Ewropew, it-tiġdid tal-“Ftehim dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indja” għal perjodu addizzjonali ta' ħames snin (jiġifieri mis-17 ta' Mejju 2020 sas-16 ta' Mejju 2025)

- jawtorizza lill-President tal-Kunsill jaħtar il-persuna jew il-persuni li jingħataw is-setgħa li jinnotifikaw lill-Gvern tar-Repubblika tal-Indja li l-Unjoni lestiet il-proċeduri interni meħtieġa biex jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim imġedded

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**li tikkonċerna t-tiġdid tal-Ftehim għall-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 186 flimkien mal-punt (v) tal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew<sup>8</sup>,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni 2002/648/KE<sup>9</sup>, il-Kunsill approva l-konklużjoni tal-Ftehim ta' kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indja ("il-Ftehim")<sup>10</sup>. Il-Ftehim ġie ffirmat f'New Delhi, fit-23 ta' Novembru 2001 u daħal fis-seħħ fl-14 ta' Ottubru 2002.
- (2) F'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 11 tal-Ftehim, il-Ftehim huwa konkluż għal perjodu ta' ħames snin u jista' jiġġedded bi ftehim reċiproku bejn il-Partijiet wara evalwazzjoni li ssir fl-aħħar sena tal-perjodu ta' ħames snin.
- (3) Permezz tad-Deċiżjonijiet 2009/501/KE<sup>11</sup>, u 2015/1788/UE<sup>12</sup>, il-Kunsill approva li l-Ftehim kull darba jiġġedded għal perjodu addizzjonali ta' ħames snin. Il-Ftehim attwali se jiskadi fis-17 ta' Mejju 2020.
- (4) Il-valutazzjoni li wettqu s-servizzi tal-Kummissjoni turi li l-Ftehim jipprovdi qafas importanti biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-Indja f'oqsma tax-xjenza u t-teknoloġija ta' prijorità komuni u li dan iwassal għal benefiċċji reċiproki. Għalhekk huwa fl-interess tal-Unjoni li l-Ftehim jiġġedded għal perjodu ieħor ta' ħames snin.
- (5) Iż-żewġ Partijiet ikkonfermaw li biħsiebhom jġeddu l-Ftehim għal perjodu addizzjonali ta' ħames snin mingħajr ma jagħmlulu l-ebda emenda.
- (6) Jenħtieġ li t-tiġdid tal-Ftehim jiġi approvat f'isem l-Unjoni,

---

<sup>8</sup> ĠU C , , p. .

<sup>9</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/648/KE tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indja (ĠU L 213, 9.8.2002, p. 29).

<sup>10</sup> Il-Ftehim ta' kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indja (ĠU L 213, 9.8.2002, p. 30).

<sup>11</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/501/KE tad-19 ta' Jannar 2009 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim li jġedded il-Ftehim għall-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indja (ĠU L 171, 1.7.2009, p. 17).

<sup>12</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2015/1788/UE tal-1 ta' Ottubru 2015 li tikkonċerna t-tiġdid tal-Ftehim għall-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indja (ĠU L 260, 7.10.2015, p. 18).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

B'dan huwa approvat f'isem l-Unjoni t-tiġdid tal-Ftehim ta' kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Indja għal perjodu addizzjonali ta' ħames snin.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu jaħtar persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li f'isem l-Unjoni jgħarrfu lill-Gvern tar-Repubblika tal-Indja li l-Unjoni lestiet il-proċeduri interni tagħha meħtieġa biex jiġġedded il-Ftehim f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 11 tal-Ftehim.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*

## **DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA**

### **1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA**

- 1.1. Titlu tal-proposta/tal-inizjattiva
- 1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB
- 1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva
- 1.4. Objettiv(i)
- 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva
- 1.6. Tul ta' żmien u impatt finanzjarju
- 1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)

### **2. MIŻURI TA' ĠESTJONI**

- 2.1. Ir-regoli għall-monitoraġġ u r-rappurtar
- 2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll
- 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet

### **3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA**

- 3.1. Intestatura(i) tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja(i) tan-nefqa affettwata(i) tal-baġit
- 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa
  - 3.2.1. *Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*
  - 3.2.2. *Stima tal-impatt fuq l-appropriazzjonijiet operattivi*
  - 3.2.3. *Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva*
  - 3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*
  - 3.2.5. *Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi*
- 3.3. L-impatt stmat fuq id-dħul

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

### 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

#### 1.1. Titlu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tikkonċerna t-tiġdid tal-Ftehim ta' kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indja

#### 1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB<sup>13</sup>

L-istrateġija u l-koordinazzjoni tal-politika, b'mod partikolari tad-Direttorati Ġenerali RTD, AGRI, CLIMA, JRC, EAC, ENER, GROW, CNECT, MARE u MOVE.

#### 1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva

- Il-proposta/l-inizjattiva hija marbuta ma' **azzjoni ġdida**
- Il-proposta/l-inizjattiva hija marbuta ma' **azzjoni ġdida wara proġett pilota/azzjoni preparatorja**
- Il-proposta/l-inizjattiva hija marbuta mal-**estensjoni ta' azzjoni attwali**
- Il-proposta/l-inizjattiva hi marbuta ma' **azzjoni ridiretta fuq azzjoni ġdida**

#### 1.4. Objettiv(i)

##### 1.4.1. *L-objettiv(i) strateġiku/strateġiċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/l-inizjattiva*

Din l-inizjattiva se tippermetti liż-żewġ Partijiet itejbu u jsaħħu l-kooperazzjoni ta' bejniethom f'oqsma xjentifiċi u teknoloġiċi ta' interess komuni f'konformità mal-Istrateġija tal-UE dwar l-Indja.

##### 1.4.2. *L-objettiv(i) speċifiku/speċifiċi u l-attività/l-attivitàjiet ABM/ABB ikkonċernata/i*

###### Objettiv Speċifiku Nru 4.1

Tkun tippermetti aktar skambju ta' għarfien speċifiku u t-trasferiment tal-kompetenzi għall-benefiċċju tal-komunitajiet xjentifiċi, tal-industrija u taċ-ċittadini. Tkompli toffri forum utli biex tiġi vvalutata l-kooperazzjoni tal-imġhoddi u biex jiġu ddeterminati l-azzjonijiet tal-futur, fost l-oħrajn f'suġġetti fejn il-kooperazzjoni tkun effettiva, bħalma huma l-prinċipji tal-aċċess miftuħ u tal-innovazzjoni miftuħa.

###### Attività/attivitàjiet ABM/ABB kkonċernata/i

<sup>13</sup> ABM: ġestjoni bbażata fuq l-attività; ABB: ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività.



### 1.4.3. *Riżultat(i) u impatt mistennija*

*Speċifika l-effetti li għandu jkollha l-proposta/l-inizjattiva fuq il-benefiċjarji/fuq il-gruppi fil-mira.*

Din id-deċiżjoni se tippermetti li l-UE u l-Indja jiksbu benefiċċju reċiproku mill-progress xjentifiku u teknoloġiku li jkun inkiseb permezz ta' kooperazzjoni fir-riċerka fil-programmi speċifiċi ta' riċerka rispettivi tagħhom u se tkompli tiffaċilita aktar kooperazzjoni. Se tippermetti li l-Unjoni u l-Indja flimkien jiġġieldu l-isfidi globali, u tippermetti li l-Unjoni tikkontribwixxi għall-modernizzazzjoni sostenibbli tal-Indja.

### 1.4.4. *Indikaturi tar-riżultati u tal-impatt*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/l-inizjattiva.*

Il-Kummissjoni se tissorvelja l-azzjonijiet kollha li jitwettqu skont il-Ftehim b'mod regolari. Din is-sorveljanza tkun tinkludi evalwazzjoni mill-UE. Fost l-oħrajn, din l-evalwazzjoni se tkopri dawn li ġejjin:

(a) l-indikaturi tal-kooperazzjoni — analiżi tal-għadd u tat-tip ta' parteċipazzjoni ta' entitajiet Indjani fi programmi ffinanzjati mill-UE (eż. l-għadd ta' proposti, l-għadd ta' ftehimiet ta' għotjiet iffirmati, ir-rabtiet ta' kollaborazzjoni prinċipali, it-temi ewlenin; ir-riżultati ġġenerati) u viċversa (meta tkun disponibbli d-data);

(b) l-indikaturi tal-prestazzjoni — ir-rata ta' suċċess tal-entitajiet Indjani li jipparteċipaw fi programmi qafas tal-UE mqabbla ma' dik ta' entitajiet ta' pajjiżi li mhumiex membri tal-UE u ma' dik ta' entitajiet ta' Stati Membri jew ta' pajjiżi assoċjati ma' Programm Qafas tar-Riċerka; analiżi tal-kwalità tal-parteeċipazzjoni (pereżempju l-għadd ta' universitajiet ikklassifikati fl-aqwa postijiet li jkunu qed jieħdu sehem fil-programm u l-għadd ta' privattivi u ta' pubblikazzjonijiet li joħorġu mill-proġetti ta' kollaborazzjoni);

(c) il-ġbir tad-data dwar l-attivitajiet ta' kooperazzjoni u r-rabtiet li jmorru lil hinn mill-programmi rispettivi ta' finanzjament tar-riċerka, kif ukoll il-valutazzjoni tal-impatt ta' dawk l-attivitajiet, bħall-parteeċipazzjoni f'inizjattivi u fi gruppi ta' ħidma multilaterali.

## 1.5. **Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva**

### 1.5.1. *Rekwiżiti li jridu jiġu ssodisfati fi żmien qasir jew twil*

Din id-Deċiżjoni se tippermetti liż-żewġ Partijiet ikomplu jtejbju u jsaħħu l-kooperazzjoni ta' bejniethom f'oqsma xjentifiċi u teknoloġiċi għall-benefiċċju tat-tnejn.

### 1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-UE*

Il-Ftehim huwa bbażat fuq il-prinċipji tal-benefiċċju reċiproku, l-aċċess reċiproku għall-programmi u l-attivitajiet tal-parti l-oħra, li jkunu rilevanti għall-fini tal-Ftehim, in-nuqqas ta' diskriminazzjoni, il-ħarsien effettiv tal-proprjetà intellettwali u l-kondiviżjoni ekwa tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (IPR) u l-isfruttament effettiv tar-riżultati. It-tiġdid ta' dan il-Ftehim se jippermetti għarfien xjentifiku akbar li jwassal għal opportunitajiet ta' aċċess għas-suq.

### 1.5.3. *Tagħlimiet miksuba minn esperjenzi simili fil-passat*

Abbażi tal-esperjenza li kien hemm s'issa fil-qasam tal-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika, huwa meqjus li jkun ta' benefiċċju għaż-żewġ naħat li titkompla l-

kooperazzjoni fil-qasam tar-riċerka mal-Indja billi l-Ftehim jiġġedded għal ħames snin oħra.

1.5.4. *Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħrajn*

It-tiġdid tal-Ftehim mal-Indja huwa kompletament konsistenti mal-qafas ta' politika ġenerali dwar il-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni (COM(2012)497).

**1.6. Tul ta' żmien u impatt finanzjarju**

Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien limitat**

–  Il-proposta/l-inizjattiva fis-seħħ mis-17 ta' Mejju 2020 sas-16 ta' Mejju 2025

–  Impatt finanzjarju mis-17/05/2020 sas-16/05/2025

Proposta/inizjattiva **mingħajr limitu ta' żmien**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' prova minn SSSS sa SSSS,

– segwita minn tħaddim sħiħ.

**1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)<sup>14</sup>**

**Ġestjoni diretta** mid-dipartimenti

–  tal-Kummissjoni, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

–  mill-aġenziji eżekuttivi

**Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

**Ġestjoni indiretta** billi l-kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit jiġu fdati:

–  lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi li jkunu ħatru;

–  lil organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

–  lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investment;

–  lill-korpi msemmija fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;

–  lill-korpi rregolati bil-liġi pubblika;

–  lill-korpi rregolati bil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sa fejn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

–  lill-korpi rregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru li huma fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

–  lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-  
Titolu V tat-TUE u li huma identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk tindika iżjed minn modalità ta' ġestjoni waħda, jekk jogħġbok agħti d-dettalji fit-taqsimha "Kummenti".*

Kummenti

<sup>14</sup> Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinstabu fis-sit BudgWeb: [http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag\\_en.html](http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html)

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Ir-regoli għall-monitoraġġ u r-rappurtar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

Il-parteċipazzjoni tal-entitajiet legali Indjani fil-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u f'attivitajiet ta' kooperazzjoni oħrajn fil-kuntest tal-Ftehim se tiġi segwita b'mod regolari permezz tal-laqgħat tal-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 6(b) tal-Ftehim.

### 2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

#### 2.2.1. Riskju/i identifikat(i)

Isiru laqgħat u kuntatti bilaterali b'mod regolari, u dan jippermetti li jkun hemm kondivizzjoni sistematika tal-informazzjoni u tal-kontroll. Ma ġie identifikat l-ebda riskju fis-sistema tal-kontroll.

#### 2.2.2. Informazzjoni dwar is-sistema ta' kontroll intern li ġiet stabbilita

Ma japplikax

#### 2.2.3. Stima tal-kostijiet u tal-benefiċċji tal-kontrolli u valutazzjoni tal-livell mistenni tar-riskju li jsiru l-iżbalji

Ma japplikax

### 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti.*

Meta jkun hemm bżonn jintużaw kuntratturi esterni jew jingħata kontribut finanzjarju lil partijiet terzi biex jiġi implimentat il-programm qafas, fjen ikun xieraq, il-Kummissjoni twettaq l-awditi finanzjarji, speċjalment jekk ikollha għalfajn tiddubita kemm ikun realistiku x-xogħol li jkun twettaq jew ġie deskritt fir-rapporti tal-attivitajiet.

L-awditi finanzjarji tal-Unjoni se jsiru jew mill-persunal tagħha jew minn esperti tal-kontabbiltà li jkunu ġew approvati skont il-liġi tal-parti li fuqha jkun qed isir l-awditu. L-Unjoni għandha l-libertà li tagħżel lil dawn l-esperti, filwaqt li tevita kull riskju ta' kunflitt ta' interess li tista' tkun indikatilha l-parti li jkun qed isirilha l-awditu. Barra minn hekk, hija u twettaq l-attivitajiet tar-riċerka, il-Kummissjoni se tiżgura li jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni billi jitwettqu verifiki effettivi u billi jkun hemm miżuri u penali proporzjonati li jservu ta' deterrent meta jiġu nnotati l-irregolaritajiet.

Sabiex jintlaħaq dan l-għan, ir-regoli dwar il-kontrolli, il-miżuri u l-penali, b'referenza għar-Regolamenti Nru 2988/95, Nru 2185/96 u Nru 883/2013, se jkunu inkorporati fil-kuntratti kollha li jintużaw fl-implimentazzjoni tal-Programm Qafas.

B'mod partikolari, il-kuntratti jridu jipprevedu l-punti li ġejjin:

- iż-żieda ta' klawnsoli speċifiċi fihom sabiex jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-UE huma u jitwettqu l-verifiki u l-kontrolli b'rabta max-xogħol imwettaq;

- it-twertiq ta' verifiki amministrattivi bħala parti minn miżuri kontra l-frodi, skont ir-Regolamenti Nru 2185/96 u Nru 883/2013;

- l-applikazzjoni ta' penali amministrattivi għal kull irregolarità sew intenzjonata kif ukoll ta' negliġenza fl-implimentazzjoni tal-kuntratti, skont ir-Regolament Qafas Nru 2988/95, inkluż mekkaniżmu għar-reġistrazzjoni f'listi suwed;

- il-fatt li l-ordnijiet ta' rkupru li jista' jkun hemm f'każ ta' irregolarità jew ta' frodi jridu jkunu jistgħu jiġu infurzati skont l-Artikolu 299 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Barra minn hekk, il-persunal tad-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (id-DĠ Riċerka u Innovazzjoni) responsabbli għal dan se jwettaq, bħala miżura ta' rutina, programm ta' verifiki b'rabta mal-aspetti xjentifiċi u baġitarji tal-kooperazzjoni. L-Unità tal-Verifika Interna tad-DĠ Riċerka u Innovazzjoni se twettaq awditu intern u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri se twettaq spezzjonijiet fuq il-post.

### 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

#### 3.1. Intestatura(i) tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja(i) tan-nefqa affettwata(i) tal-baġit

- Linji baġitarji eżistenti<sup>15</sup>

Fl-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji.

L-intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Type of nefqa	Kontribuzzjoni			
	Intestatura 1a – Kompetittività għat-tkabbir u għall-impjiegi	Diff/Mhux diff <sup>16</sup> .	mill-pajjiżi tal-EFTA <sup>17</sup>	minn pajjiżi kandidati <sup>18</sup>	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
1a	<b>08.01.05.01</b>	Mhux diff.	IVA	IVA	LE	LE
1a	<b>08.01.05.03</b>	Mhux diff.	IVA	IVA	LE	LE

- Linji baġitarji ġodda mitluba

Fl-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji.

L-intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Type of nefqa	Kontribuzzjoni			
	Number [L-Intestatura..... ]	Diff./mhux diff.	mill-pajjiżi tal-EFTA	minn pajjiżi kandidati	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
	[XX.SS.SS.SS]		IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

<sup>15</sup> L-appropriazzjonijiet għall-perjodu 2021-2024 (il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027) u l-bażi ġuridika marbuta magħhom għadhom iridu jiġu adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill.

<sup>16</sup> Diff. = Appropriazzjonijiet Differenzjati / Mhux diff. = Appropriazzjonijiet Mhux Differenzjati.

<sup>17</sup> EFTA: L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

<sup>18</sup> Pajjiżi kandidati u, fejn japplika, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Punent tal-Balkani.

### 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

#### 3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

Miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

<b>L-intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>	1a	“Kompetittività għat- <i>tkabbir</i> u għall- <i>impjegi</i> ”
--	----	--

DĠ: RTD			Year 2020 <sup>19</sup>	Year 2021	Year 2022	Year 2023	Year 2024	Year 2025	TOTAL
Approprijazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi <sup>20</sup>									
Numru tal-linja baġitarja: 08.01.05.01	Impenji	(1)	0,040	0,060	0,060	0,060	0,060	0,020	0,300
	Pagamenti	(2)	0,040	0,060	0,060	0,060	0,060	0,020	0,300
Numru tal-linja baġitarja: 08.01.05.03		(3)	0,008	0,012	0,012	0,012	0,012	0,004	0,060
<b>TOTAL tal-approprijazzjonijiet għad-DĠ RTD</b>	Impenji	=1+1a +3	0,048	0,072	0,072	0,072	0,072	0,024	0,360
	Pagamenti	=2+2a +3	0,048	0,072	0,072	0,072	0,072	0,024	0,360

•TOTAL tal-approprijazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi	(6)	0,048	0,072	0,072	0,072	0,072	0,024	0,360
---	-----	-------	-------	-------	-------	-------	-------	-------

<sup>19</sup> Is-sena 2020 hija dik li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta jew tal-inizjattiva. L-ammonti għall-2020 u l-2025 jikkorrispondu għal seba' xhur u ħames xhur rispettivament.

<sup>20</sup> L-assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li jsostnu l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji “BA”), riċerka indiretta u riċerka diretta.

<b>TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt l-INTESTATURA &lt;1a&gt; tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>	Impenji	=4+ 6	<b>0,048</b>	<b>0,072</b>	<b>0,072</b>	<b>0,072</b>	<b>0,072</b>	<b>0,024</b>	<b>0,360</b>
	Pagamenti	=5+ 6	<b>0,048</b>	<b>0,072</b>	<b>0,072</b>	<b>0,072</b>	<b>0,072</b>	<b>0,024</b>	<b>0,360</b>

**Jekk il-proposta/l-inizjattiva taffettwa iżjed minn intestatura waħda:**

•TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)							
	Pagamenti	(5)							
•TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi		(6)							
<b>TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 4 tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza)</b>	Impenji	=4+ 6							
	Pagamenti	=5+ 6							

<b>L-intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>	<b>5</b>	“Nefqa amministrattiva”
--	----------	-------------------------

Miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

		Year 2020	Year 2021	Year 2022	Year 2023	Sena 2024	Sena 2025	TOTAL
DĠ: RTD								
•Riżorsi umani								
•Nefqa amministrattiva oħra								
<b>TOTAL TAD-DĠ RTD</b>	Approprjazzjonijiet							

<b>TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt I-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>	(Total tal-impenji = Total tal-pagamenti)							
---	---	--	--	--	--	--	--	--

Miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

		Year 2020 <sup>21</sup>	Year 2021	Year 2022	Year 2023	Year 2024	Year 2025	TOTAL
<b>TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt I-INTESTATURI 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>	Impenji	0,048	0,072	0,072	0,072	0,072	0,024	0,360
	Pagamenti	0,048	0,072	0,072	0,072	0,072	0,024	0,360

<sup>21</sup> Is-sena 2020 hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/l-inizjattiva. L-ammonti għall-2020 u l-2025 jikkorrispondu għal seba' xhur u ħames xhur rispettivament.



3.2.2. *Stima tal-impatt fuq l-approprjazzjonijiet operattivi*

- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

Approprjazzjonijiet ta' impenn f' miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

Indika l-objettivi u r-riżultati ↓			Year N		Year N+1		Year N+2		Year N+3		Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi kemm idum l-impatt (ara l-punt 1.6)						TOTAL		
	OUTPUTS																		
	Tip <sup>22</sup>	Kost medju	Għadd	Kost	Għadd	Kost	Għadd	Kost	Għadd	Kost	Għadd	Kost	Għadd	Kost	Għadd	Kost	Għadd Totali	Kost totali	
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1 <sup>23</sup> ...																			
- Output																			
- Output																			
- Output																			
Subtotal għall-objettiv speċifiku Nru 1																			
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ...																			
- Output																			
Subtotal għall-objettiv speċifiku Nru 2																			
<b>KOST TOTALI</b>																			

<sup>22</sup> L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li se jiġu forniti jew jingħataw (pereżempju: l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' km ta' toroq mibnija, eċċ.).

<sup>23</sup> Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi..."

### 3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

#### 3.2.3.1. Sommarju

- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

Miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

	Year 2020 <sup>24</sup>	Year 2021	Year 2022	Year 2023	Year 2024	Year 2025	TOTAL
--	----------------------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	-------

<b>HEADING 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>							
Riżorsi umani							
Nefqa amministrattiva oħra							
<b>Subtotal HEADING 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>							

<b>Outside HEADING 5<sup>25</sup> tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>							
Riżorsi umani	<b>0,040</b>	<b>0,060</b>	<b>0,060</b>	<b>0,060</b>	<b>0,060</b>	<b>0,020</b>	<b>0,300</b>
Other expenditure ta' natura amministrattiva	<b>0,008</b>	<b>0,012</b>	<b>0,012</b>	<b>0,012</b>	<b>0,012</b>	<b>0,004</b>	<b>0,060</b>
<b>Subtotal Barra mill- INTESTATURA 5 of the multiannual financial framework</b>	<b>0,048</b>	<b>0,072</b>	<b>0,072</b>	<b>0,072</b>	<b>0,072</b>	<b>0,024</b>	<b>0,360</b>

<b>TOTAL</b>	<b>0,048</b>	<b>0,072</b>	<b>0,072</b>	<b>0,072</b>	<b>0,072</b>	<b>0,024</b>	<b>0,360</b>
--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal infiq ieħor ta' natura amministrattiva se jiġu koperti b'approprjazzjonijiet mid-DG li diġà huma assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew intużaw mill-ġdid fid-DG, flimkien, jekk ikun meħtiegħ, ma' kull allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DG manijerjali skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

<sup>24</sup> Is-sena 2020 hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/l-inizjattiva. L-ammonti għall-2020 u l-2025 jikkorrispondu għal seba' xhur u ħames xhur rispettivament.

<sup>25</sup> L-assistenza teknika u/jew amministrattiva u n-nefqa li jsostnu l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), ta' riċerka indiretta u ta' riċerka diretta.

### 3.2.3.2. Stima tar-reqwiziti tar-riżorsi umani

- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani.
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtiegħ l-użu tar-riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time*

	Year 2020	Year 2021	Sena 2022	Sena 2023	Sena 2024	Sena 2025
<b>•Karigi fil-pjan ta' stabiliment (uffiċjali u persunal temporanju)</b>						
XX 01 01 01 (Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni)						
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)						
08 01 05 01 (Riċerka indiretta)	0,3	0,5	0,5	0,5	0,5	0,2
10 01 05 01 (Riċerka diretta)						
<b>•Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għal Full-Time: FTE)<sup>26</sup></b>						
XX 01 02 01 (AC, END, INT mill-“pakkett globali”)						
XX 01 02 02 (AC, AL, END, INT u JED fid-delegazzjonijiet)						
<b>XX 01 04 ss<sup>27</sup></b>	- fil-Kwartieri Ġenerali					
	- fid-Delegazzjonijiet					
XX 01 05 02 (AC, END, INT – Riċerka indiretta)						
10 01 05 02 (AC, END, INT – Riċerka diretta)						
Linji baġitarji oħra (speċifika)						
<b>TOTAL</b>	0,3	0,5	0,5	0,5	0,5	0,2

**XX** huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa jiġu mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-immaniġġjar tal-azzjoni u/jew ġie riallokati fid-DĠ, jekk ikun meħtieġ, flimkien ma' kull allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ maniġerjali skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tal-limiti baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u aġenti temporanji	Tħejjija u ġestjoni tal-laqgħat tal-Grupp Konġunt Konsultattiv stabbilit bl-Artikolu 6(b) tal-Ftehim, kif ukoll segwitu tal-funzjonament u tal-implimentazzjoni tal-Ftehim. Il-kalkoli jsiru b'mod proporzjonat skont kemm ikollu tul il-Ftehim.
Il-persunal estern	

<sup>26</sup> AC = Persunal Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondar; INT = persunal tal-aġenzija; JED = Esperti Żgħażaġħ f' Delegazzjonijiet.

<sup>27</sup> Sottolimitu massimu għall-persunal estern kopert minn approprijazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji “BA”).

3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

- Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.

Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 għadu jrid jiġi adottat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill.

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi*

- Il-proposta/l-inizjattiva ma tippredix il-kofinanzjament minn partijiet terzi.

Approprijazzjonijiet f' miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

	Year N	Year N+1	Year N+2	Year N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi kemm idum l-impatt (ara l-punt 1.6)			Total
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								
Approprijazzjonijiet TOTALI kofinanzjati								

3.3. **L-impatt stmat fuq id-dħul**

- Il-proposta/l-inizjattiva ma tħalli l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

Miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprijazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali	Impatt tal-proposta/l-inizjattiva					Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi kemm idum l-impatt (ara l-punt 1.6)		
		Year N	Year N+1	Year N+2	Year N+3				
Artikolu ....									

Għad-dħul mixxellanju "assenjat", speċifika l-linja jew il-linji tan-nefqa tal-baġit li huma affettwati.

Speċifika l-metodu biex jiġi kkalkulat l-impatt fuq id-dħul.